Nru. 18,076
Prezz/Price
Lm1.76 (€4.10)

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa 11 ta' Mejju, 2007
Friday, 11th May, 2007

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 440

MINISTERU TAL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN

Ħatra ta' Direttur Ġenerali *(Operations)*

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-Artikolu 92 (4) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, ħatar lis-Sur Mario Caruana, D.P.A., bħala Direttur Ġenerali *(Operations)* fil-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern b'seħħ mit-13 ta' Marzu 2007.

Il-11 ta' Mejju, 2007

Nru. 441

MINISTERU GĦALL-FAMILJA U SOLIDARJETÀ SOĊJALI

Ħatra ta' Direttur Ġenerali (Sigurtà Soċjali) u Responsabbiltajiet ta' Direttur (Sigurtà Soċjali)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-Artikolu 92 (4) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, ħatar lis-Sur Joseph Camilleri, D.P.A., M.B.A. (Henley), bħala Direttur Ġenerali (Sigurtà Soċjali) fil-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali b'seħħ mit-13 ta' Marzu 2007.

Is-Sur Joseph Camilleri, D.P.A., M.B.A. (Henley), assuma ukoll ir-responsabiltajiet ta' Direttur (Sigurtà Soċjali) kif definit fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318) b'seħħ mit-13 ta' Marzu 2007.

Il-11 ta' Mejju, 2007

GOVERNMENT NOTICES

No. 440

MINISTRY FOR JUSTICE AND HOME AFFAIRS

Appointment of Director General (Operations)

IN exercise of the powers vested in him by Article 92 (4) of the Constitution of Malta, the Prime Minister and Minister of Finance, after consultation with the Public Service Commission, has appointed Mr Mario Caruana, D.P.A., as Director General (Operations) within the Ministry for Justice and Home Affairs with effect from 13th March 2007.

11th May, 2007

No. 441

MINISTRY FOR THE FAMILY AND SOCIAL SOLIDARITY

Appointment of Director General (Social Security) and Responsibilities of Director (Social Security)

IN exercise of the powers vested in him by Article 92 (4) of the Constitution of Malta, the Prime Minister and Minister of Finance, after consultation with the Public Service Commission, has appointed Mr Joseph Camilleri, D.P.A., M.B.A. (Henley) as Director General (Social Security) within the Ministry for the Family and Social Solidarity with effect from 13th March 2007.

Mr Joseph Camilleri, D.P.A., M.B.A. (Henley), has also assumed the responsibilities of Director (Social Security) as defined in the Social Security Act (Cap. 318) with effect from 13th March 2007.

11th May, 2007

Nru. 442

MINISTERU TAL-FINANZI

Ħatra ta' Direttur Ġenerali *(Support Services)*

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-Artikolu 92 (4) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, ħatar lis-Sur Joseph Croker, bħala Direttur Ġenerali *(Support Services)* fil-Ministeru tal-Finanzi b'seħħ mill-25 ta' Marzu 2007.

Il-11 ta' Mejju, 2007

No. 442

MINISTRY OF FINANCE

Appointment of Director General (Support Services)

IN exercise of the powers vested in him by Article 92 (4) of the Constitution of Malta, the Prime Minister and Minister of Finance, after consultation with the Public Service Commission, has appointed Mr Joseph Croker as Director General (Support Services) within the Ministry of Finance with effect from 25th March 2007.

11th May, 2007

Nru. 443

MINISTERU TAL-FINANZI

Ħatra ta' Direttur Ġenerali
(Kontroll Intern ta' Finanzi Pubbliċi)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-Artikolu 92 (4) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, ħatar lil Ms Rita Schembri, B.A. (Hons.) Accty., F.I.A., C.P.A., bħala Direttur Ġenerali (Kontroll Intern ta' Finanzi Pubbliċi) fil-Ministeru tal-Finanzi b'seħħ mill-25 ta' Marzu 2007.

Il-11 ta' Mejju, 2007

No. 443

MINISTRY OF FINANCE

Appointment of Director General
(Public Internal Financial Control)

IN exercise of the powers vested in him by Article 92 (4) of the Constitution of Malta, the Prime Minister and Minister of Finance, after consultation with the Public Service Commission, has appointed Ms Rita Schembri, B.A. (Hons.) Accty., F.I.A., C.P.A., as Director General (Public Internal Financial Control) within the Ministry of Finance with effect from 25th March 2007.

11th May, 2007

Nru. 444

ATT TA' WAR IL-KUMMISSARJU GĦAT-TFAL
(KAP. 462)

Kunsill għat-Tfal
Membri Eletti b'Għażla

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 (2) ta' l-Att dwar il-Kummissarju għat-Tfal (Kap. 462), u għall-finijiet ta' dak l-Att, il-Kunsill għat-Tfal eleġġa b'għażla l-persuni msemmija hawn taħt bħala membri tal-Kunsill għall-perijodu mis-26 ta' April 2007 sat-18 ta' Jannar 2008:

Ms Lara Cassar
Is-Sur Mahmoud El-Bakry
Is-Sur Kurt Mizzi
Ms Marian Muscat Azzopardi
Is-Sur Gerald Sant
Is-Sur Trevor Zahra

Il-11 ta' Mejju, 2007

No. 444

COMMISSIONER FOR CHILDREN ACT,
(CAP. 462)

Council for Children
Co-opted Members

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred by section 12 (2) of the Commissioner for Children Act (Cap. 462), and for the purpose of that Act, the Council for Children has co-opted the following persons as members on the Council for Children for the period 26th April 2007 to 18th January 2008:

Ms Lara Cassar
Mr Mahmoud El-Bakry
Mr Kurt Mizzi
Ms Marian Muscat Azzopardi
Mr Gerald Sant
Mr Trevor Zahra

11th May, 2007

Nru. 445

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR (PASSAPORT U REĠISTRAZZJONI ĊIVILI) U AĠENT DIRETTUR (REĠISTRU PUBBLIKU U REĠISTRATUR TAŻ-ŻWIĠIJIET

IL-PRIM Ministru approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 445

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR (PASSPORT AND CIVIL REGISTRATION) AND ACTING DIRECTOR (PUBLIC REGISTRY AND MARRIAGE REGISTRAR)

THE Prime Minister has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Charles Micallef	Direttur *Director*	Passaport u Reġistrazzjoni Ċivili *Passport and Civil Registration*	21.10-26.11.2006
Mr Charles Micallef	Direttur *Director*	Reġistru Pubbliku u Reġistratur taż-Żwiġijiet *Public Registry and Marriage Registrar*	21.10-21.12.2006
Mr Anthony Geraldi	Direttur *Director*	Reġistru Pubbliku u Reġistratur taż-Żwiġijiet *Public Registry and Marriage Registrar*	From 22.12.2006

Il-11 ta' Mejju, 2007

11th May, 2007

Nru. 446

KUNSILL MEDIKU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Prim Ministru għoġbu jaħtar, skond l-Artikolu 9 (a), (b) (d), (g) u l-Ewwel Skeda (Artikolu 6 ta' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa (Kap. 464), il-President u l-Membri fuq il-Kunsill Mediku sas-17 ta' Marzu, 2010.

President
Is-Sur Imħallef Albert Manchè, LLD

Membri maħtura mill-Prim Ministru
Dott. David Muscat, BDS
Dott. Denis A Soler, MD, FRCGP, MSc

Maħtur mill-Kunsill ta' l-Università ta' Malta
Il-Prof. Godfrey Laferla, MD MRCS LRCP FRCS FRCSRCPS FRCSED PhD

Eletti mill-Medical Practitioners Reġistrati
Dott. Doreen Cassar, MD

No. 446

MEDICAL COUNCIL

IT is notified for general information that the Prime Minister has been pleased to appoint, in terms of Article 9 (a), (b) (d), (g) and the First Schedule (Article 6 of the Health Care Professions Act (Cap. 464),the following President and Members on the Medical Council until 17th March, 2010.

President
Mr Justice Albert Manchè, LLD

Members appointed by the Prime Minister
Dr David Muscat, BDS
Dr Denis A Soler, MD, FRCGP, MSc

Appointed by the Council of thr University of Malta
Prof. Godfrey Laferla, MD MRCS LRCP FRCS FRCSRCPS FRCSED PhD

Elected by the Registered Medical Practitioners
Dr Doreen Cassar, MD

Dott. Brian Flores Martin, MD
Dott. Alex Portelli, MD
Dott. Michael J Boffa, MD, MRCP, MSc, T(Derm) FRCP
Dott. Paul Soler, MD, MRCP

Eletti mid-Dentisti/Kirurgi Dentali Reġistrati
Dott. James Galea, BChD, FDS, RCS
Dott. Anthony Charles, BChD,

Membri li jirrappreżentaw lill-Pubbliku u li jkunu Maħtura mill-Prim Ministru
Ir-Rev. Dun Joe Borg
Is-Sinjura Claudia Taylor East

Aġent Reġistratur
Is-Sur Michael Bonnici

Din in-Notifikazzjoni tal-Gvern tħassar dik bin-numru 391 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern ta' l-24 ta' April, 2007.

Il-11 ta' Mejju, 2007
MH216/2003

Dr Brian Flores Martin, MD
Dr Alex Portelli, MD
Dr Michael J Boffa, MD, MRCP, MSc, T(Derm) FRCP
Dr Paul Soler, MD, MRCP

Elected by the Registered Dental Surgeons/Dentists
Dr James Galea, BChD, FDS, RCS
Dr Anthony Charles, BChD,

Members Representing the Public and Appointed by the Prime Minister
Rev. Fr Joe Borg
Mrs Claudia Taylor East

Acting Registrar
Mr Michael Bonnici

This Government Notice supersedes the one published in the Government Gazette of the 24th April, 2007.

11th May, 2007

Nru. 447

KORPORAZZJONI TA' XOGĦOL U TAĦRIĠ

Ħatra ta' Membri fuq il-Bord ta' Eżamijiet fis-Snajja'

IL-KORPORAZZJONI ta' Xogħol u Taħriġ b'din tgħarraf illi qed taħtar il-persuni msemmija hawn taħt biex ikunu membri tal-Bord ta' Eżamijiet fis-Snajja' skond l-Artikolu 40 ta' l-Att dwar is-Servizzi ta' Impieg u Taħriġ (Kap. 343) biex jaraw il-kompetenzi ta' persuni li jridu jaħdmu fuq xogħol konness maċ-ċeramika.

Chairperson
Is-Sur Paul Scerri

MembriTekniċi
Is-Sur Paul Haber
Is-Sur George Muscat

Rappreżentant ta' l-ETC
Is-Sur Jean Pierre Meilaq

Il-11 ta' Mejju, 2007

No. 447

EMPLOYMENT AND TRAINING CORPORATION

Appointment of Trade Testing Board Members

THE Employment and Training Corporation is hereby nominating the persons listed hereunder to be appointed members of the Trade Testing Board in terms of Article 40 of the Employment and Training Services Act (Cap. 343), to assess the competencies of persons wanting to carry out the work connected with ceramics.

Chairperson
Mr Paul Scerri

Technical Members
Mr Paul Haber
Mr George Muscat

ETC Representative
Mr Jean Pierre Meilaq

11th May, 2007

Nru. 448

KORPORAZZJONI TA' XOGĦOL U TAĦRIĠ

Ħatra ta' Membri fuq il-Bord ta' Eżamijiet fis-Snajja'

IL-KORPORAZZJONI ta' Xogħol u Taħriġ b'din tgħarraf illi qed taħtar il-persuni msemmija hawn taħt biex ikunu membri tal-Bord ta' Eżamijiet fis-Snajja' skond l-Artikolu 40 ta' l-Att dwar is-Servizzi ta' Impieg u Taħriġ (Kap. 343) biex jaraw il-kompetenzi ta' persuni li jridu jaħdmu bħala Ġojjelliera. Dawn il-ħatriet il-ġodda huma minflok is-Sur Ray Bonnici u s-Sur Joseph Vella.

Chairperson
Is-Sur Louis Galea

Membru Tekniku
Is-Sur Mark Saliba

Il-11 ta' Mejju, 2007

No. 448

EMPLOYMENT AND TRAINING CORPORATION

Appointment of Trade Testing Board Members

THE Employment and Training Corporation is hereby nominating the persons listed hereunder to be appointed members of the Trade Testing Board in terms of Article 40 of the Employment and Training Services Act (Cap. 343), to assess the competencies of persons wanting to work as Jewellers. The new appointments will be replacing Mr Ray Bonnici and Mr Joseph Vella.

Chairperson
Mr Louis Galea

Technical Member
Mr Mark Saliba

11th May, 2007

Nru. 449

L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Avviż ta' Applikazzjonijiet li għandhom bżonn stima ta' l-impatt ambjentali skond Regolament 7(4) tar-Regolamenti dwar l-Istima a' l-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali Nru. 114/2007)

L-APPLIKAZZJONI hawn taħt imsemmija teħtieġ Stima ta' l-Impatt Ambjentali. L-applikazzjoni hi miġbura skond il-lokalità u tinkludi n-numru ta' l-applikazzjoni, it-titlu ta' l-iżvilupp u l-isem ta' l-applikant. Il-pubbliku jista' jara l-applikazzjoni hawn taħt imsemmija fl-uffiċċji ta' l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, il-Furjana, waqt il-ħinijiet tal-ftuħ.

Il-pubbliku hu mistieden jibgħat kummenti bil-miktub lill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, St. Francis Ravelin, il-Furjana, dwar materji li jkun jixtieq li jiġu nklużi fl-Istima ta' l-Impatt Ambjentali. Is-sottomissjonijiet għandhom ikollhom id-dettalji ta' l-applikazzjoni kif jidhru hawn taħt. Il-kummenti għandhom jaslu għand l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar sa tliet ġimgħat mid-data dan l-avviż. Aktar informazzjoni tistab fuq il-*website* ta' l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar: www.mepa.org.mt/EIA-Malta

No. 449

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Applications that require an environmental impact assessment notice in accordance with Regulation 7(4) of the Environmental Impact Assessment (2007) Regulations (Legal Notice 114/2007)

THE following development permit application is subject to an Environmental Impact Assessment. The application is set out by locality and includes the MEPA number, title of the development and the name of the applicant. A copy of this application can be seen at the offices of the Malta Environment and Planning Authority in Floriana, during office hours.

The public is advised to submit in writing to the Malta Environment and Planning Authority, St. Francis Ravelin, Floriana, any issues it wishes to see included in the Environmental Impact Assessment. Submissions should contain details of the application as given below. All submissions are to reach the Malta Environment and Planning Authority within 3 weeks from this notice. More information can be obtained from the Malta Environment and Planning Authority website: www.mepa.org.mt/EIA-Malta

Schreiber Football Ground New Street Off, Valley Road, Sisters Street, Church Ave, Triq id-Durrgħajsa, Paola	PA00804/05	Twaqqigħ ta' *ground* tal-*football* żdingat u ġnien pubbliku, bini ta' garaxxijiet taħt l-art u parkeġġ, faċilitajiet sportivi, ħwienet, bini ta' appartamenti b'żewġt u tlett ikmamar tas-sodda, *penthouses* u *maisonettes*, ċentru tas-saħħa, akkomodazzjoni soċjali, *day centre* għall-anzjani, bini ta' *football ground*, ġnien pubbliku u *club* tal-boċċi Is-Sur Vincent Cassar f'isem il-Ministeru għall-Iżvilupp Urban u Toroq
Schreiber Football Ground *New Street Off Valley Road,* *Sisters Street, Church Ave,* *Triq id-Durrgħajsa, Paola*	*PA00804/05*	*Demolition of existing derelict football ground and public garden, construction of underground garages and parking facility and sport/fitness facility, commercial spaces, construction of 2 and 3 bedroomed apartments, penthouses and maisonettes, health centre, sheltered apartments, day centre for the elderly, reinstatement of football ground and public garden with boċċi club* *Mr Vincent Cassar obo Ministry of Urban Development and Roads*

Il-11 ta' Mejju, 2007

11th May, 2007

Nru. 450

ATT DWAR IL-*CONDOMINIA*
(Kap. 398)

B'DIN qed ngħarraf li jiena rċivejt applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' u/jew emendi tar-regolamenti li jirregolaw l-imsemmija *condominia*:

Nru. tal-*Condominium* *Condominium Number*	Indirizz tal-*Condominium* *Address of Condominium*	Rimarki *Remarks*	Data tar-Reġistrazzjoni *Date of Registration*
162	Tulip Court Triq Belvedere Gżira	Reġistrazzjoni tar-Regolamenti/ *Registration of Rules*	07/05/2007

Dott. Stephanie Pappalardo
Reġistratur ta' l-Artijiet

Il-11 ta' Mejju, 2007

No. 450

CONDOMINIUM ACT
(Cap. 398)

NOTICE is hereby given that I have received an application for the registration of and/or amendment to rules regulating the following condominia:

Nru. tal-*Condominium* *Condominium Number*	Indirizz tal-*Condominium* *Address of Condominium*	Rimarki *Remarks*	Data tar-Reġistrazzjoni *Date of Registration*
162	Tulip Court Triq Belvedere Gżira	Reġistrazzjoni tar-Regolamenti/ *Registration of Rules*	07/05/2007

Dr Stephanie Pappalardo
Land Registrar

11th May, 2007

Nru. 451

ATT DWAR L-IPPJANAR TA' L-IŻVILUPP
(KAP. 356)

Eżenzjoni minn Studju ta' l-Impatt Ambjentali Limitat

B'KONFORMITÀ mar-regolamenti 3(8) fil-Parti II ta' l-Avviż Legali Nru. 204 ta' l-2001 rigward l-applikazzjoni msemmija hawn taħt, u minħabba l-fatt illi l-MEPA għandha tagħrif biżżejjed biex tieħu deċiżjoni fuq din l-Applikazzjoni, id-Direttur ta' l-Ippjanar, bi ftehim mad-Direttur għall-Ħarsien ta' l-Ambjent, jaqbel li jeżenta l-applikant milli jħejji Studju dwar l-Impatt Ambjentali limitat:

Applikazzjoni Nru: PA 08154/05
Post: Cruise Passenger Terminal, ix-Xatt ta' Pinto, Valletta
Proposta: Bdil fil-moll eżistenti tax-Xatt ta' Pinto

Application No: *PA 08154/05*
Location: *Cruise Passenger Terminal, Pinto Wharf, Valletta*
Proposal: *Alteration works to existing quay at Pinto Wharf*

L-ebda impatti sinifikanti potenzjali fuq l-ambjent ma kienu identifikati fl-istqarrija dwar id-deskrizzjoni tal-proġett (PDS), kif sottomess lil MEPA fil-31 ta' Marzu, 2007.

Minkejja dan l-imsemmi hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni addizzjonali kif jista' jkun meħtieġ biex tiddeċiedi l-applikazzjoni.

Il-11 ta' Mejju, 2007

No. 451

DEVELOPMENT PLANNING ACT
(CAP. 356)

Waiving of Environmental Planning Statement

IN conformity with Part II provision 3 (8) of Legal Notice No. 204 of 2001 in respect of the application mentioned hereunder, and in view of the fact that MEPA has sufficient information to take a decision on this application, the Director of Planning, in agreement with the Director of Environment Protection, agree to exempt the applicant from preparing an Environmental Planning Statement:

No potential significant environmental impacts were identified through the Project Description Statement (PDS), as submitted to MEPA on the 13th March, 2007.

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

11th May, 2007

Nru. 452

ORDINANZA DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA)
(KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-dati li jidhru hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-imsemmija Ordinanza kif ġej:–

No. 452

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ORDINANCE

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the dates shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of section 12 of the said Ordinance as follows:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
04. 05. 07	Lm7.01.0 (€16.32,8)	Lm0.14.8 (€0.34,5)
07. 05. 07	Lm7.06.4 (€16.45,4)	Lm0.14.8 (€0.34,5)
08. 05. 07	Lm7.05.3 (€16.42,9)	Lm0.14.8 (€0.34,5)
09. 05. 07	Lm7.05.7 (€16.43,8)	Lm0.14.8 (€0.34,5)
10. 05. 07	Lm7.00.0 (€16.30,5)	Lm0.14.7 (€0.34,2)

Il-11 ta' Mejju, 2007

11th May, 2007

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 38

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-data u l-ħinijiet indikati.

Il-Munxar, Għawdex

Nhar il-Ġimgħa, it-18 ta' Mejju 2007 mis-7.30 p.m. sad-9.30 p.m., nhar il-Ġimgħa, il-25 ta' Mejju 2007 mit-8.00 p.m. sad-9.30 p.m., nhar is-Sibt, is-26 ta' Mejju 2007mis-7.30 a.m. sad-8.45 a.m., minn-nofsinhar san-12.30 p.m., mis-6.00 p.m. sas-7.30 p.m., mid-9.00 p.m. sal-11.30 p.m. u nhar il-Ħadd, is-27 ta' Mejju 2007 mit-8.30 a.m. sad-9.30 a.m., mill-11.30 a.m. san-12.30 p.m. u mis-6.30 p.m. sal-11.30 p.m. Triq Marażiena se tkun magħluqa għat-traffiku.

Nhar il-Ġimgħa, il-25 ta' Mejju 2007 mis-6.30 p.m. sa nofsillejl minn Pjazza tal-Knisja.

Nhar is-Sibt, is-26 ta' Mejju 2007 mid-9.00 a.m. sa nofsillejl minn Pjazza tal-Knisja.

Nhar is-Sibt, is-26 ta' Mejju 2007 mit-8.00 p.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: il-Munxar, Ġużé Aquilina, il-Madonna tal-Karmnu, Dun Spir Gauci, ta' Rinota u Tarsu.

Nhar il-Ħadd, is-27 ta' Mejju 2007 mill-5.00 p.m. sa

POLICE NOTICE

No. 38

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Munxar, Gozo

On Friday, 18th May 2007 from 7.30 p.m. till 9.30 p.m., on Friday, 25th May 2007 from 8.00 p.m. to 9.30 p.m., on Saturday, 26th May 2007 from 7.30 a.m. to 8.45 a.m., from noon to 12.30 p.m., from 6.00 p.m. to 7.30 p.m., from 9.00 p.m. to 11.30 p.m. and on Sunday, 27th May 2007 from 8.30 a.m. to 9.30 a.m., from 11.30 a.m. to 12.30 p.m. and from 6.30 p.m. to 11.30 p.m. Triq Marażiena will be closed for traffic.

On Friday, 25th May, 2007 from 6.30 p.m. to midnight through Pjazza tal-Knisja.

On Saturday, 26th May, 2007 from 9.00 a.m. to midnight through Pjazza tal-Knisja.

On Saturday, 26th May, 2007 from 8.00 p.m. to midnight through the following streets: il-Munxar, Ġużé Aquilina, il-Madonna tal-Karmnu, Dun Spir Gauci, ta' Rinota and Tarsu.

On Sunday, 27th May, 2007 from 5.00 p.m. to midnight

nofsillejl mit-toroq li ġejjin: Pjazza tal-Knisja, San Pawl, it-12 ta' Diċembru, il-Madonna tal-Karmnu, Dun Spir Gauci, ta' Rinota u Tarsu.

Huwa pprojbit l-ipparkjar fit-toroq imsemmija hawn fuq u vetturi misjuba hemm jiġu rmunkati.

Birkirkara

Nhar il-Ħadd, it-3 ta' Ġunju 2007 mill-5.30 p.m. sal-11.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: l-Imsida, Santu Rokku, Pont il-Qadim quddiem il-Knisja ta' Sant'Antnin, Mannarino, Santa Marija, Psaila u Dun Filippu Borg.

Vetturi pparkjati fit-toroq imsemmija hawn fuq fil-ħin u d-dati msemmija huwa pprojbit u għalhekk jiġu rmunkati.

Il-11 ta' Mejju, 2007

through the following streets: Pjazza tal-Knisja, San Pawl, it-12 ta' Diċembru, il-Madonna tal-Karmnu, Dun Spir Gauci, ta' Rinota and Tarsu.

The parking of vehicles along the above mentioned streets is prohibited and vehicles found there shall be towed.

Birkirkara

On Sunday, 3rd June, 2007 from 5.30 p.m. to 11.00 p.m. through the following streets: l-Imsida, Santu Rokku, Old Bridge infront of St Anthony Church, Mannarino, Santa Marija, Psaila and Dun Filippu Borg.

The parking of vehicles along the above mentioned streets is also prohibited and vehicles found there will be towed away.

11th May, 2007

FORZI ARMATI TA' MALTA

Matul ix-xahar ta' Ġunju 2007, il-Forzi Armati ta' Malta se jwettqu programm ta' sparar minn Pembroke *Ranges* fid-dati u l-ħinijiet indikati hawn taħt:-

Il-Ġimgħa, l-1 ta' Ġunju 2007 bejn is-7.00 a.m. u l-4.00 p.m.

Mit-Tnejn l-4 ta' Ġunju sa' l-Erbgħa s-6 ta' Ġunju 2007 bejn is-7.00 a.m. u l-4.00 p.m.

Il-Ġimgħa, it-8 ta' Ġunju 2007 bejn is-7.00 a.m. u l-4.00 p.m.

Mit-Tnejn il-11 ta' Ġunju sal-Ġimgħa l-15 ta' Ġunju 2007 bejn is-7.00 a.m. u l-4.00 p.m.

Mit-Tnejn it-18 ta' Ġunju sal-Ġimgħa t-22 ta' Ġunju 2007 bejn is-7.00 a.m. u l-4.00 p.m.

Mit-Tnejn il-25 ta' Ġunju sal-Ħamis it-28 ta' Ġunju 2007 bejn is-7.00 a.m. u l-4.00 p.m.

Il-bastimenti kollha għandhom iżommu żewġ (2) mili 'l hinn mix-xatt ta' Pembroke matul id-dati u l-ħinijiet imsemmija.

Bnadar ħomor jittellgħu mil-limiti tar-*ranges* konċernati.

Il-11 ta' Mejju, 2007

ARMED FORCES OF MALTA

During the month of June 2007, the Armed Forces of Malta will be holding a live firing practice at Pembroke Ranges on the dates and times indicated hereunder:

Friday, 1st June 2007 between 7.00 a.m. and 4.00 p.m.

Monday 4th June to Wednesday 6th June 2007 between 7.00 a.m. and 4.00 p.m.

Friday, 8th June 2007 between 7.00 a.m. and 4.00 p.m.

Monday 11th June to Friday 15th June 2007 between 7.00 a.m. and 4.00 p.m.

MNonday 18th June to Friday 22nd June 2007 between 7.00 a.m. and 4.00 p.m.

Monday 25th June to Thursday 28th June 2007 between 7.00 a.m. and 4.00 p.m.

All vessels are to keep two (2) miles off Pembroke coast during the above dates and times.

Red flags will be flown from the limits of the ranges concerned.

11th May, 2007

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Registrar* (*Cardiology)* id-Diviżjoni tas-Saħħa, fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *Medical Practitioners* bi kwalifiki adatti għall-postijiet ta' *Registrar (Cardiology)* fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2. Il-post ta' *Registrar (Cardiology)* għandu salarju ta' Lm7,402 (€17,242.02) fis-sena li jiżdied b'Lm256 (€596.32) fis-sena sa massimu ta' Lm8,938 (€20,819.94) (Skala ta' Salarju Nru. 6).

3.1. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tipprovdi servizz residenti *on-call* skond *roster* stabbilit li jinkludi *night duty*. Dan ir-*roster* jieħu ħsieb it-taħriġ skond il-ħtieġa minn żmien għal żmien kif ukoll l-esiġenzi tas-servizz. Siegħat ta' xogħol 'il fuq minn erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa u xogħol fil-Ħdud u btajjel pubbliċi jitħallsu b'remunerazzjoni addizzjonali skond ir-rati approvati.

3.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u tkun suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm il-darba:

a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha: u

b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

5.1. Il-persuna nominata tagħmel parti mid-Dipartiment tal-*Cardiac Services* u tkun taqa' taħt il-Konsulenti u fl-aħħarnett taħt iċ-*Chairman* tad-Dipartiment.

5.2. Il-post ta' *Registrar* jifforma parti integrali tal-programm ta' taħriġ mediku fid-Dipartiment tal-*Cardiac Services* u huwa adatt għal dawk il-kandidati li jixtiequ jaqbdu karriera fil-*Cardiology*. Hi mistennija li tieħu parti fl-attivatijiet akkademiċi u ta' taħriġ u f'laqgħat tad-Dipartiment tal-*Cardiac Services*.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Registrar (Cardiology) in the Health Division within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications from qualified Medical Practitioners for the posts of Registrar (Cardiology) in the Health Division.

2. The post of Registrar (Cardiology) carries a salary of Lm7,402 (€17,242.02) per annum rising by annual increments of Lm256 (€596.32) up to a maximum of Lm8,938 (€20,819.94) (Salary Scale 6).

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year is on a full-time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. The appointee will be required to provide resident on-call service in accordance with an established roster which will include night duty. This roster will take into consideration training requirements as may be applicable from time to time as well as the exigencies of the service. Additional remuneration will be paid at the approved rates for hours worked in excess of forty (40) per week and for work performed on Sundays and Public Holidays.

3.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:

a) it is carried out strictly outside official hours of work; and

b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5.1. The appointee forms part of the Department of Cardiac Services and is accountable to the Consultants and ultimately to the Chairman of the Department.

5.2. The post of Registrar forms an integral part of the medical training programme of the Department of Cardiac Services and is suitable for candidates wishing to pursue a career in Cardiology. He/She will be required to participate in teaching and academic activities and meetings of the Department of Cardiac Services.

5.3. Il-persuna nominata hija mistennija li tkompli tagħmel ix-xogħol ta' *Senior House Officer* iżda f'livell ogħla ta' responsabbiltà. Hija trid tkun kapaċi tagħmel dijanjożi ta' każi ta' *cardiology* aktar komplikati u timmaniġġhom u trid tiżviluppa l-ħila tagħha fil-*Cardiology*. Hija tkun responsabbli direttament lejn il-konsulent inkarigat mill-pazjenti. Id-dmirijiet u responsabbilitajiet ewlenin tal-post huma kif ġej:

a) tieħu sehem billi kuljum tipprovdi l-kura medika ta' rutina u ta' emerġenza għall-livell xieraq ta' dan il-grad, għall-*dawk rikoverat* fl-isptar San Luqa. Dan jinkludi ordni ta' investigazzjoni u ta' tibdil fit-trattament skond kif hi thoss meħtieġ, taħt is-superviżjoni tal-konsulent;

b) attendenza għall-*ward rounds* kemm mal-Konsulent kif ukoll waħedha skond kif meħtieġ;

ċ) xogħol ta' proċeduri kif meħtieġ (bħal *pleural aspiration*, *paracentesis*, *lumbar puncture* u *bone marrow aspirations*);

d) Għajnuna fil-proċeduri ta' interventi dijanjostiċi u terapewtiċi li jsiru fil-*Catheterisation Laboratory* inkluż id-dħul ta' *pacemakers* permanenti;

e) Għajnuna fl-immaniġġjar ta' kuljum tal-pazjenti li jkunu fis-swali, fil-*Coronary Care Unit*, fl-*Out Patient Department* u fl-*Accident and Emergency Department;*

f) attendenza għall-*outpatients clinics* kif meħtieġ;

g) arranġament għad-dħul fl-isptar u tħejjija ta' *discharge summaries* u ta' kull korrispondenza mal-*General Practitioners*, kif xieraq;

h) żamma ta' kuntatt mal-qraba tal-pazjenti;

i) assigurazzjoni li r-rekords tal-pazjenti jkunu preċiżi, aġġornati u li jinqraw;

j) superviżjoni tax-xogħol ta' *House Officers* li ma jkunux għadhom reġistrati u ta' *Senior House Officers* u parteċipazzjoni fit-tahriġ tagħhom u ta' l-istudenti tal-Mediċina li jkunu qed jaħdmu fil-*firm*, skond kif ikun xieraq;

k) provvediment ta' servizzi residenzjali *on call* kif meħtieġ;

l) xogħol minflok kollegi f'emerġenza jew meta dawn ikunu bil-*vacation leave* jew *leave* ieħor;

m) żamma ta' kuntatt mal-kollegi li jkunu xogħol immedjatament qabilha jew warajha biex tassigura komunikazzjoni adekwata u kontinwità ta' kura tal-pazjent. Hija trid iżżomm kuntatt mill-qrib ma' infermiera, ma'

5.3. The appointee is expected to continue with the duties of the Senior House Officer but at a higher level of responsibility. He/She should be able to diagnose and manage more complicated cardiology problems and should develop his/her clinical skills. He/She will be directly answerable to the Consultant in charge of the patients. The principal duties and responsibilities of the post are as follows:

a) participation in the day to day provision of routine and emergency medical care at a level appropriate to the grade for in-patients at St. Luke's Hospital. This includes ordering investigations and changing treatment as he/she feels necessary, under the supervision of the Consultant;

b) attending and undertaking ward rounds as required;

c) undertaking procedures (such as pleural aspiration, paracentesis, lumbar puncture, bone marrow aspirations) as necessary;

d) assisting in the various interventional diagnostic and therapeutic procedures carried out in the Catheterisation Laboratory including the insertion of permanent pacemakers;

e) assisting in the acute and day to day management of Cardiac patients seen in the Wards, Coronary Care Unit, Out-Patient Department and Accident and Emergency Department;

f) attending outpatient clinics as required;

g) arranging admissions and the preparation of discharge summaries and any correspondence to General Practitioners as appropriate;

h) liaison with patients' relatives;

i) ensuring that records of patients are accurate, up to date and legible;

j) supervision of the work of pre-registration House Officers and Senior House Officers and participating in their training, and that of medical students attached to the firm, as appropriate;

k) providing resident on-call services as required;

l) providing cover for colleagues in an emergency or when on vacation or other leave;

m) liaison with colleagues who are on duty immediately before and after himself/herself to ensure adequate communication and continuity of patient care. He/She must liaise closely with nursing, professional and technical staff

ħaddiema professjonali u tekniċi kif ukoll ma' dipartimenti oħra biex tassigura li l-informazzjoni meħtieġa għall-kura tal-pazjent u l-investigazzjonijiet meħtieġa jkunu mifhuma sewwa;

n) obbligu li tkun preżenti, taħt ċirkostanzi eċċezzjonali, għax-xogħol barra mill-ħin normali tar-*roster* tagħha meta dan ikun essenzjali għall-kontinwità tal-kura tal-pazjent;

o) Il-persuna magħżula tkun trid tagħmel użu mis-sistemi ta' Teknoloġija ta' l-Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

6. L-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-Dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

ċ) ikollhom liċenza biex jipprattikaw il-Professjoni Medika f'Malta;

d) ikollhom kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni fil-Mediċina (MRCP jew kwalifika oħra komparabbli xierqa) u sentejn wara r-reġistrazzjoni ta' esperjenza fil-*Cardiology*;

e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-

and other departments to ensure that necessary information on patient care and investigations required are fully understood;

n) undertaking to be available, under exceptional circumstances, for such irregular commitments outside normally rostered duties as are essential for continuity of patient care;

o) The appointee will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

6. Applicants must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) be in possession of a Licence to practise the Medical Profession in Malta;

d) be in possession of a higher postgraduate qualification in General Medicine (MRCP or other appropriate comparable qualification) and have two years postregistration experience in Cardiology;

e) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave

Service and Leave Record Form (GP 47), filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Publiku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern Malti, u jagħtu d-dettalji).

7.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibilità għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minn naħa tal-Management and Personnel Office u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

8.2. Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre* (*MQRIC*) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impieg jew l-awtorità kompetenti, skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

9.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

9.2. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippublika r-riżultat ta' l-intervisti. Ir-riżultat jiġi esebit fuq in-*notice-*

Record Form (GP47); Those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Maltese Government Service giving details).

7.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

7.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

8.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

8.2. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

9.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board

board ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Diviżjoni tas-Saħħa.

9.3. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummisjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

9.4. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

10. L-applikanti magħżula jkunu jridu joqgħodu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

11. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

12. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li għandha tinkludi kwalifiki u esperjenza u l-ismijiet ta' żewġ *referees* jintlaqgħu primarjament mill-Assistent Direttur, Rizorsi Umani, Diviżjoni tas-Sahha, 6, Sqaq Harper, il-Furjana., mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Gimgha, it-8 ta' Ġunju, 2007.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar il-Gimgħa, it-8 ta' Ġunju 2007 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numri tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi huma +356-21226285 u +356 - 21235890.

14. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Il-11 ta' Mejju, 2007

of the Office of the Public Service Commission and that of the Health Division.

9.3. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the PSC where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

9.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

10. Applicants selected for appointment will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

11. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana

12. Applications, together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience and the names of two referees, will be received in the first instance by the Assistant Director, Human Resources Department, Health Division, 6, Harper Lane, Floriana by not later than noon of Friday, 8th June 2007.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Friday, 8th June 2007 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax numbers of the receiving Division are +356 – 21226285 and +356 - 21235890.

14. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

11th May, 2007

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' *Chief Scientific Officer (Public Health Laboratory)* fid-Divizjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' *Chief Scientific Officer (Public Health Laboratory)* fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità.

2. Il-post ta' *Chief Scientific Officer* għandu salarju ta' Lm7,910 (€18,425.34) fis-sena li jiżdied b'Lm275 (€640.58) fis-sena sa massimu ta' Lm9,560 (€22,268.81) (Skala ta' Salarju 5).

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

4. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u tkun soġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim relevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

5. Il-persuna fil-grad ta' *Chief Scientific Officer (Public Health Laboratory)* tkun taqa' direttament taħt id-Direttur tas-Saħħa Pubblika.

6. Id-dmirijiet ta' *Chief Scientific Officer (Public Health Laboratory)* jinkludu:

(a) Responsabbiltà amministrattiva tal-*Public Health Laboratory;*

(b) Assigurazzjoni li l-analiżi ta' ikel, ilma u kampjuni oħra li jintbagħtu l-laboratorju ssir b'mod professjonali;

(ċ) Assigurazzjoni li l-*accreditation* tintlaħaq u tibqa' miżmuma f'livell għoli;

(d) Żamma ta' informazzjoni dwar *Food Safety* u leġislazzjoni relatata fl-Unjoni Ewropeja, l-Organizzazzjoni tas-Saħħa Dinjija u għaqdiet oħra nazzjonali u internazzjonali;

(e) Parir lid-Direttur tas-Saħħa Pubblika dwar il-ħwejjeġ kollha relatati mal-*Food Safety;*

(f) Responsabbiltà għall-ippjanar għall-futur qarib għall-*Public Health Laboratory;*

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Chief Scientific Officer (Public Health Laboratory) in the Health Division in the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications for the post of Chief Scientific Officer (Public Health Laboratory) in the Health Division.

2. The post of Chief Scientific Officer carries a salary of Lm7,910 (€18,425.34) per annum rising by annual increments of Lm275 (€640.58) up to a maximum of Lm9,560 (€22,268.81) (Salary Scale 5).

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to any rules governing from time to time the Malta Public Service and The Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

4. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

5. The Chief Scientific Officer (Public Health Laboratory) shall be directly accountable to the Director, Public Health.

6. The duties of a Chief Scientific Officer (Public Health Laboratory) include:

(a) Administrative responsibility of the Public Health Laboratory;

(b) Ensuring that the analysis of food, water and other samples submitted to the laboratory is carried out in a professional manner;

(c) Ensuring that accreditation is achieved and maintained;

(d) Maintaining an awareness of Food Safety issues and related legislation within the European Union, World Health Organisation and other national/international bodies;

(e) Advice to Director Public Health on all matters related to Food Safety;

(f) Responsibility for medium term forward planning for the Public Health Laboratory;

(g) Assigurazzjoni dwar l-użu xieraq ta' l-impjegati u riżorsi oħra li jkollha;

(h) Assigurazzjoni li l-impjegati jibqgħu jżommu l-kompetenza tagħhom professjonali u teknika fl-ogħla livell possibbli;

(i) Identifikazzjoni tal-ħtiġiet tat-taħriġ ta' l-impjegati tal-laboratorju u għajnuna fl-iżvilupp tagħhom;

(j) Responsabbiltà għad-dixxiplina u *practices,* u għall-infurzar ta' l-imsemmija dixxiplina ta' l-impjegati ta' taħtha;

(k) Thejjija tar-rapport annwali dwar ix-xogħol tal-*Public Health Laboratory;*

(l) Thejjija tal-*Business Plan* dwar il-ħtiġiet tar-riżorsi umani u finanzjarji tal-laboratorju;

(m) Rakkommandazzjonijiet għall-*Sampling Programmes* b'konsultazzjoni mal-persuni oħra interessati;

(n) Toqgħod fuq bordijiet u kumitati kif meħtieġ;

(o) Użu mis-sistemi ta' Teknoloġija Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

7. L-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

(g) Ensuring the appropriate use of human and other resources at his/her disposal;

(h) Ensuring that staff retain and maintain professional and technical competence at the highest possible level;

(i) Identification of training needs and assistance in the development of laboratory staff;

(j) Responsibility for discipline and practices and accountability for the enforcement of discipline for staff under his/her charge;

(k) Preparation of the Annual Report on the work of the Public Health Laboratory;

(l) Drawing up of the Business Plan relating to the manpower and financial needs of the laboratory;

(m) Recommendations for Sampling Programmes in consultation with other interested parties;

(n) Sitting on boards and committees as may be required;

(o) Making use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

7. Applicants must:-

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

ċ) ikunu Uffiċjali Pubbliċi fil-grad sustantiv ta' *Principal Scientific Officer*;

JEW

ikunu Uffiċjali Pubbliċi fil-grad sustantiv ta' *Senior Scientific Officer* u jkollhom xi kwalifiki xierqa ta' wara l-gradwazzjoni;

JEW

ikollhom kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni (per eżempju PhD jew kwalifika oħra komparabbli xierqa);

d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47),* filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern Malti, u jagħtu d-dettalji).

8.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbilità għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minn naħa tal-Management and Personnel Office u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

8.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma misthoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

9.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

9.2 Hija r-responabiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/Istituzzjonijiet terzjarji,

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) be Public Officers in the substantive grade of Principal Scientific Officer;

OR

Public Officers in the substantive grade of Senior Scientific Officer in possession of an appropriate post-graduate qualification;

OR

persons in possession of an appropriate higher post-graduate qualification (e.g. PhD or other appropriate comparable qualification);

d) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Maltese Government Service giving details).

8.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

8.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

9.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

9.2. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary

li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre* (MQRIC) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impieg jew l-awtorità kompetenti, skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għndhomx din id-ikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

10.1. Bord ta' l-Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

10.2. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tar-riżultat.

11. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li hi adatta għal dan il-post.

12. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

13. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li għandha tinkludi kwalifiki u esperjenza jintlaqgħu primarjament mil-Assistent Direttur, Riżorsi Umani, Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Sqaq Harper, il-Furjana, mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, it-8 ta' Ġunju 2007.

14. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, it-8 ta' Ġunju 2007 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numri tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi huma +356-21226285 u +356 - 21235890.

15. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Il-11 ta' Mejju, 2007

education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority to the receiving department as soon as it becomes available and in any case by not later than one month from the closing date of the call for applications.

10.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

10.2. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of the result.

11. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the post.

12. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

13. Applications, together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience, will be received in the first instance by the Assistant Director, Human Resources Department, Health Division, 6, Harper Lane, Floriana by not later than noon of Friday, 8th June 2007.

14. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Friday, 8th June 2007 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax numbers of the receiving Division are +356 – 21226285 and +356 - 21235890.

15. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

11th May, 2007

DIPARTIMENT TAL-PULIZIJA

Applikazzjonijiet għal-Dħul fil-Kors ta' Taħriġ għal Kuntistabbli Rġiel u Nisa

Il-Kummissarju tal-Pulizija jilqa' applikazzjonijiet mingħand kandidati rġiel u nisa għad-dħul f'kors ta' erba' xhur għall-kuntistabbli fl-Akkademja tal-Pulizija. Matul iż-żmien li l-kandidati jkunu jattendu l-kors fl-Akkademja jitħallsu l-paga minima nazzjonali korrenti u nofs il-*bonus,* skond l-artikolu 29 tar-Regolamenti dwar Kundizzjonijiet ta' l-Impieg sakemm joħroġ ir-riżultat ta' l-eżamijiet finali mill-Akkademja tal-Pulizija.

2. Il-kandidati jridu:

(a) ikunu għalqu t-18-il sena sad-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet;

(b) ikollhom ta' l-anqas '*pass'* fi grad ta' *C* jew 5, f'mhux anqas minn 3 suġġetti f'livell Ordinarju; tnejn minnhom iridu jkunu fil-Malti u fl-Ingliż. Tingħata preferenza lil dawk l-applikanti bl-ogħla u l-aktar kwalifiki.

Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabilità ta' kwalifiki maħruġa mill-Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjieg jew l-awtorità kompetenti skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid- data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(ċ) medikament b'saħħithom f'kull rispett, fiżikament u mentalment, skond l-i*standard* mediku ta'saħħa fil-Korp biex ikunu jistgħu jaqdu d-doveri kollha ta' Pulizija.

(d) ikunu ta' karattru morali tajjeb.

(e) ċittadini ta' Malta.

(f) Dawk l-applikanti li jkunu qed jistennew il-pubblikazzjoni tar-riżultati fil-livell Ordinarju u/jew Avvanzat, jistgħu japplikaw proviżorjament iżda jkunu meħtieġa li jippreżentaw iċ-ċertifikati neċessarji sad-data ta' l-intervista.

POLICE DEPARTMENT

Applications for Admission to the Course of Training for Male and Female Police Constables

The Commissioner of Police invites applications from male and female candidates for admission to a four-month course for Police Constables at the Police Academy. During the time that the candidates are attending the course at the Academy they will receive the then current basic minimum wage and half the bonus in accordance with section 29 of the Conditions of Employment (Regulation) Act until the final examination result at the Academy for Criminal Justice is published.

2. Candidates must:

(a) be not less than 18 years of age on the closing date of the call for application;

(b) possess 'pass' grades, C or 5, in not less than 3 subjects at Ordinary level; two of which must be Maltese and English. Preference will be given to applicants with higher qualifications.

Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with the applications; originals to be produced for verification at the interview).

It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as it becomes available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

(c) be medically fit in all respects, physically and mentally, in accordance with the medical standards of fitness in the Force to be able to perform all Police duties.

(d) be of good moral character.

(e) be citizens of Malta.

(f) applicants who are waiting the publication of the results at ordinary and/or advanced level may apply provisionally but will have to present their required certificates by the date of the interview.

3. EFFIĊJENZA FIŻIKA/INTERVISTA/TEST MEDIKU

(a) Eżami mediku preliminarju;

(b) L-applikanti li jikkwalifikaw ikunu meħtieġa li joqogħdu għat-*test* ta' Effiċjenza Fiżika, biex jiġi żgurat li jkunu f'saħħithom skond l-i*standards* tal-Korp tal-Pulizija.

Il-livell minimu tat-Test fl-Effiċjenza Fiżika hu magħmul minn dawn it-tliet partijiet:

*1 Mile Run*Eta	Irġiel	Nisa
18 - 31	10 min	12 min
32 +	10.30 min	12.30 min
Push-Ups (Repetizzjonijiet)		
18 - 31	15	10
32 +	13	8
Sit-Ups (Repetizzjonijiet)		
18 - 31	25	20
32 +	20	15

Il-kandidati jridu mill-anqas jilħqu l-i*standard* minimu f'kull parti tat-*test* fl-Effiċjenza fiżika, biex jitqiesu li għaddew mit-*test* fl-Effiċjenza Fiżika. Il-kandidati li ma jgħaddux f'xi wieħed mill-partijiet tat-test fl-Effiċjenza Fiżika, ikunu jistgħu jerġgħu joqogħdu għal *re-sit* ta' dak it-*test* partikulari, fi żmien ġimgħa wara li jkun sar l-ewwel test komplut.

Huma dawk il-kandidati biss li jgħaddu mill-partijiet kollha tat-*test* fl-Effiċjenza Fiżika li jitħallew joqogħdu għall-intervista.

(ċ) intervista selettiva intiża biex ikunu magħrufa dawk il-kwalitajiet personali tal-kandidati, bħal personalità, żveltezza, intelliġenza, komportament personali, kortesija, sens komun, eċċ., meħtieġa minn Kuntistabbli tal-Pulizija;

(d) eżami mediku.

Il-kandidati li ma jgħaddux mill-intervista u/jew minn xi wieħed mill-eżamijiet mediċi ma jitħallewx jidħlu fil-kors ta' taħriġ.

4. Vakanzi jimtlew skond l-ordni ta' mertu finali fl-eżamijiet wara li jitlesta l-kors fl-Akkademja. L-ordni ta' mertu tibqa' tgħodd sa sentejn minn notifika tar-riżultati u dan sabiex ikunu jistgħu jimtlew vakanzi oħra eventwalment.

5. Il-kandidati li jintgħażlu u li diġà huma marbutin bi ftehim f'xi skema oħra ta' apprendistat ma jistgħux jidħlu f'din l-iskema jekk ma jġibux ċertifikat mill-Korporazzjoni ta' l-Impjiegi u Taħriġ li jħollhom mill-ftehim ta' l-iskema ta' apprendistat ieħor.

3. PHYSICAL EFFICIENCY/INTERVIEW/MEDICAL TEST

(a) Preliminary medical test;

(b) Eligible applicants will be subject to a Physical Efficiency Test to ensure fitness to Malta Police Force standards.

The minimum standards of the Physical Efficiency Test will comprise the following three components:

1 Mile Run	Age	Males	Females
	18 - 31	10 mins	12 mins
	32 +	10.30 mins	12.30 mins
Push-Ups (Repetitions)			
	18 - 31	15	10
	32 +	13	8
Sit-Ups (Repetitions)			
	18 - 31	25	20
	32 +	20	15

Candidates must at least attain the minimum standard in each component of the Physical Efficiency Test to be considered as having gained a pass in the Physical Efficiency Test. Candidates who fail in one component, will be allowed to re-sit that one particular component, within a week from the first complete component.

Only candidates who pass in all the components of the physical test will proceed to the selective interview.

(c) a selective interview designed to bring to the fore those personal qualities in a candidate, such as personality, alertness, intelligence, personal bearing, courtesy, common sense, etc., required of a Police Constable.

(d) medical test.

Candidates who fail in the interview and/or in any part of the medical tests willnot be allowed to join the course of training.

4. Vacant posts will be filled according to the final order of merit in the examinations following the course at the Academy. The order of merit will continue to subsist for a period of 2 years from the notification of results in order to fill eventual vacancies.

5. Successful candidates who are already bound by an agreement of apprenticeship shall be precluded from proceeding further with the course, unless they obtain from the Employment and Training Corporation a certificate of their release from the agreement.

6. Il-kandidati magħżula għall-kors, li jkunu magħrufa bħala Kuntistabbli tal-Pulizija fuq Taħriġ, ikunu intitolati għall-għotja ta'uniformi b'xejn, u jistgħu jkunu meħtieġa li jagħmlu prattika ta' xogħol fuq bażi ta' *shift* taħt sorveljanza, li jinkludi xogħol bil-lejl u/jew xogħol manwali kif meħtieġ. Parti mit-taħriġ fl-Akkademja tal-Pulizija jkun fuq bażi residenzjali.

7. Il-kandidati jkunu, anke matul il-perjodu ta' taħriġ fl-Akkademja tal-Pulizija, soġġetti għad-dixxiplina kif kontemplat fl-Att dwar il-Pulizija Kapitolu 164.

8. Il-perjodu ta' taħriġ ikun jikkonsisti f'kors tal-bidu ta' erba' xhur ta' taħriġ komprensiv, li matulhom il-Kuntistabbli tal-Pulizija fuq taħriġ għandhom joqogħdu għal dawk il-korsijiet ta' studju, u għal dawk l-eżamijiet kif ikun mitlub fil-kors ta' taħriġ, skond ir-regolamenti ġodda tal-kors. L-imsemmi taħriġ komprensiv isir fl-Akkademja tal-Pulizija u/jew f'lokalitajiet u/jew postijiet oħra skond il-ħtieġa. Matul dan il-perjodu l-Kuntistabbli tal-Pulizija fuq Taħriġ ikunu evalwati prattikament u teoretikament minn żmien għal żmien. Kandidati li ripetutament ma jirnexxilhomx jilħqu l-livell meħtieġ jista' jkollhom it-taħriġ tagħhom terminat f'kull żmien.

9. Applikanti li fid-data ta' għeluq ta' l-applikazzjoni jkollhom ċertifikati tal-G.C.E., u/jew tal-Matrikola Lokali u/jew tas-S.E.C. f'livelli Ordinarji u/jew Avvanzati, u/jew ta'Diploma u/jew *Degree* maħruġ/a minn Università rikonoxxuta jiġu preferuti mill-Bord ta' l-Għażla kemm-il darba huma jissodisfaw il-pre-rekwiżiti l-oħra kollha ta' l-applikazzjoni skond dan l-avviż. It-tul ta' l-applikant ukoll jittieħed inkonsiderazzjoni mill-Bord ta' l-Għażla.

10. Kandidati li jilħqu livell sodisfaċenti fl-aspetti kollha tal-kors inizjali ta' erba' xhur ikunu eliġibbli biex jiġu nominati Kuntistabbli bi prova għal sentejn. In-nominazzjonijiet isiru skond il-vakanzi eżistenti kif provdut f'Sezzjoni numru 4. L-aħħar ordni ta' meritu jkun determinat mit-total ta' marki ottenuti matul il-kors ta' taħriġ. Dawk li jiddistingwu ruħhom jistgħu jingħataw l-opportunità li jieħdu taħriġ avvanzat. Dawk li ma jilħqux il-livell meħtieġ ma jiġux nominati Kuntistabbli u jkollhom il-perjodu ta' taħriġ tagħhom terminat. Madankollu, jista' però jingħatalhom ċans wieħed ieħor ta' reparatorju ta' l-eżami/eżamijiet finali.

11. Matul il-perjodu ta' sentejn bi prova bħala Kuntistabbli tal-Pulizija, ir-rekluti ġodda jkunu meħtieġa jkomplu bil-kors ta' taħriġ prattiku fil-Korp tal-Pulizija, li matulu:

(a) jiġu assenjati f'dawk is-Sezzjonijiet tal-Korp skond kif jidhirlu li jkun l-aħjar il-Kummissarju tal-Pulizija, u

(b) ikunu evalwati fuq bażi ta' erba' xhur. Fit-tmiem ta'

6. Candidates admitted to the course, who shall be known as Trainee Police Constables, will be entitled to free issue of uniforms. They might be requested to do practical work on a shift basis, under surveillance, which assignment would include night work and/or manual work as necessary. Part of the training at the Police Academy may be on a residential basis.

7. Candidates will, even during the traineeship period at the Police Academy, be subject to discipline as contemplated for in the Police Act, Chapter 164.

8. The traineeship period at the Academy will consist of an initial four month comprehensive course of training, during which Trainee Police Constables will be required to follow such study courses and sit for such examinations as are laid down in the course of training, according to new course regulations. The aforementioned comprehensive course will be held at the Police Academy and/or elsewhere as necessary. During this period Trainee Police Constables will be assessed practically and theoretically from time to time. Trainees who repeatedly fail to reach the required standards may have their training terminated at any time.

9. Candidates who on the closing date of applications, are in possession of G.C.E.,Matriculation and/or S.E.C. certificate at Ordinary and/or Advanced Level, and/or of a Diploma and/or Degree issued by a recognised University, over and above the requisites in 2, shall be given preference by the Selection Board provided that they satisfy all other pre-requisites of their application according to this notice. Height will also be considered as an asset and shall be given preference by the Selection Board.

10. Trainees who reach a satisfactory level in all aspects of the initial four months course will be eligible for appointment as Police Constables on probation for two years. Appointments shall be made subject to existing vacancies as provided for in section 4. The last order of merit will be determined by the total marks obtained during the whole course of training. Those who reach distinction level may be given the opportunity to undertake further advanced training. Those who fail to reach the required standard will not be appointed Constables and will have their traineeship terminated. However, one other chance of a re-sit for the final examination/s might be given.

11. During the ensuing period of two year probation as Police Constables, the newly recruited constables will be required to continue with a practical training-probation course within the Police Force, in which:

(a) they will be assigned to those Sections of the force that the Commissioner of Police thinks fit, and

(b) they will be assessed on four-monthly assessments, in

kull wieħed minn dawn it-testijiet ta' kull erba' xhur il-progress ta' kull kandidat jiġi evalwat.

Pulizija Kuntistabbli bi prova li ripetutament ma jirnexxilhomx jilħqu l-livell meħtieġ fl-evalwazzjoni ta' kull erba' xhur jista' jkollhom il-ħatra tagħhom terminata fit-tmiem tal-perjodu ta' prova.

12. Is-salarju tal-bidu ta' Kuntistabbli tal-Pulizija jkun ta' Lm4,558 (€10,617) fis-sena, li jitla' b'żieda, sa massimu ta' Lm6,048 (€14,088).

13. Applikazzjonijiet jinkisbu mit-Taqsima tar-Riżorsi Umani, fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, il-Furjana, u għandhom jittieħdu hemmhekk personalment, mimlija kif suppost, mill-applikanti nfushom sa mhux aktar tard mit-Tnejn, l-4 ta' Ġunju, 2007.

14. Dawk il-persuni li japplikaw għandhom jieħdu magħhom il-Karta ta' l-Identità tagħhom, żewġ ritratti riċenti daqs tal-passaport, u ċertifikat oriġinali ta' l-eżamijiet li jkunu għaddew minnhom u li huma riferuti f'paragrafi 2 u 9 hawn fuq, flimkien ma' ċertifikati ta' kwalifiki oħra li jkollhom.

Il-11 ta' Mejju, 2007

which the progress of every candidate will be evaluated.

Probationary Police Constables who repeatedly fail to reach the required standard in these four-monthly assessments may have their appointment terminated at the expiration of the period of probation.

12. The starting salary for the post of Police Constable is of Lm4,558 (€10,617) per annum rising up to a maximum of Lm6,048 (€14,088).

13. Applications, the only ones admissible, may be obtained from the Human Resources Branch, Police General Headquarters, Floriana, and submitted there personally by the applicants themselves, duly filled in, by not later than Monday 4th June, 2007.

14. Persons calling to apply are to take with them their identity card, two recent passport size photographs and the original certificates of exams they have obtained a pass in and that are referred to in paragraph 2 and 9 above, together with certificates of other qualifications they possess.

11th May, 2007

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' *Senior Registrar (Dermatology and Venereology)* fid-Divizjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *Medical Practitioners* bi kwalifiki adatti u b'esperjenza għall-post ta' *Senior Registrar (Dermatology and Venereology)* fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2. Il-post ta' *Senior Registrar* (*Dermatology and Venereology*) għandu salarju ta' Lm7,910 (€18,425.34) fis-sena li jiżdied b'Lm275 (€640.58) fis-sena sa massimu ta' Lm9,560 (€22,268.81) (Skala ta' Salarju 5).

3.1. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku.

3.2. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li taħdem skond *roster* stabbilit li jista' jinkludi *night duty*. Siegħat ta' xogħol 'il fuq minn erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa u xogħol fil-Ħdud u btajjel pubbliċi jithallsu b'remunerazzjoni addizzjonali skond ir-rati approvati.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Senior Registrar (Dermatology and Venereology) in the Health Division in the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications from duly qualified and experienced Medical Practitioners for the post of Senior Registrar (Dermatology and Venereology) in the Health Division.

2. The post of Senior Registrar (Dermatology and Venereology) carries a salary of Lm7,910 (€18425.34) per annum rising by annual increments of Lm275 (€640.58) up to a maximum of Lm9,560 (€22,268.81) (Salary Scale 5).

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year is on a full time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Public Service.

3.2. The appointee will be required to work in accordance with an established roster which may include night duty. Additional remuneration will be paid at the approved rates for hours worked in excess of forty (40) per week and for work performed on Sundays and Public Holidays.

3.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji oħra u tkun soġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:

a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

5.1. Il-persuna nominata tkun trid taħdem fid-Dipartiment tad-*Dermatology and Venereology* fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

5.2. Il-persuna nominata tkun responsabbli lejn il-konsulent immedjat tagħha u fl-aħħarnett lejn iċ-*Chairman* tad-Dipartiment tad-*Dermatology and Venereology* u tkun soġġetta għal xi reviżjoni ta' dmirijiet kif ikun meħtieġ minn żmien għal żmien.

5.3. Il-persuna nominata trid tipprovdi servizz mediku kliniku għal dawk rikoverati u *outpatients* ibbażat fl-Isptar Sir Paul Boffa Hospital. Id-doveri u r-responsabbiltajiet jinkludu:

(a) attendenza għall-*outpatient clinics* fid-Dipartiment tad-Dermatoloġija u *peripheral clinics* kif jinħtieġ;

(b) xogħol ta' *deputising* flok il-Konsulent skond il-ħtieġa;

(ċ) xogħol addizzjonali bħal kirurġija dermatoloġika, kura bil-*laser* u *dermatohistopathology collaboration*;

(d) sorveljanza tax-xogħol ta' *staff* mediku fil-gradi anqas minn *Senior Registrar*. Dan jinkludi reviżjoni sewwa tar-*records* tal-pazjenti biex jiġi assigurat li huma korretti, aġġornati u li jinqraw;

(e) żamma ta' kuntatt mal-qraba tal-pazjenti;

(f) tieħu ħsieb il-pazjenti li jiġu riferuti minn dipartimenti oħra;

(g) dikjarazzjoni li f'ċirkostanzi eċċezzjonali trid tattendi għax-xogħol f'dawk il-każi mhux tas-soltu barra mill-ħinijiet normali tar-*roster* tagħha skond kif ikun meħtieġ għall-kontinwità tal-kura tal-pazjenti.

5.4. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tieħu sehem fil-programmi ta' tagħlim ta' studenti ta' qabel u ta' wara l-gradwazzjoni li jiġu organizzati mid-Dipartiment tad-

3.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:

a) it is carried out strictly outside official hours of work; and

b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5.1. The appointee will be required to work in the Department of Dermatology and Venereology in the Health Division.

5.2. The appointee will be responsible to his/her immediate consultant and ultimately to the Chairman of the Department of Dermatology and Venereology and his/her duties will be subject to any review as necessary from time to time.

5.3. The appointee will provide a clinical inpatient and outpatient medical service based at Sir Paul Boffa Hospital. The main duties and responsibilities include:

(a) undertaking outpatient clinics in the Dermatology Department and peripheral clinics as required;

(b) deputizing for the consultant dermatologist as necessary;

(c) undertaking additional commitments such as dermatological surgery, laser treatment, and dermatohistopathology collaboration;

(d) supervising the work of medical staff below the level of Senior Registrar. This should include careful review of patient records to make sure that they are accurate, up to date and legible;

(e) liaising with patients' relatives;

(f) attending to inter departmental patient referrals;

(g) undertaking to be available, under exceptional circumstances, for such irregular commitments outside normally rostered duties as are essential for continuity of patient care.

5.4. The appointee will be required to participate in any teaching or training programme for undergraduates or postgraduates organised by the Department of Dermatology

Dermatoloġija u li tinvolvi ruħha fi programmi kontinwi ta' riċerka.

5.5. Il-persuna nominata tkun trid twaqqaf mekkaniżmu xieraq għall-assigurazzjoni ta' kwalità tas-servizz u verifika medika.

5.6. Il-persuna magħżula tkun trid tagħmel użu mis-sistemi ta' Teknoloġija ta' l-Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

6. L-applikanti għandhom:-

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii)ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE);

JEW

(iv) il-konjuġi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

ċ) ikollhom liċenza biex jipprattikaw il-Professjoni Medika f'Malta;

d) (i) ikollhom kwalifika oġħla ta' wara l-gradwazzjoni fid-Dermatoloġija (e.ż. MRCP jew kwalifika oħra komparabbli xierqa) u tliet snin wara r-reġistrazzjoni ta' esperjenza fid-Dermatoloġija wara li jiksbu din il-kwalifika oġħla ta' wara l-gradwazzjoni; JEW

(ii) ikunu rreġistrati fl-I*specialist Register* tad-Dermatoloġija kif ippubblikat mill-Kunsill Mediku (Malta);

and to involve himself/herself in on-going Continued Medical Education (CME) activities.

5.5. The appointee will be required to establish appropriate mechanisms to ensure quality of services and medical audit.

5.6. The appointee will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

6. Applicants must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) be in possession of a Licence to practise the Medical Profession in Malta;

d) (i) be in possession of a higher postgraduate qualification in Dermatology (e.g. MRCP or other appropriate comparable qualification) and three years postregistration experience in Dermatology following the attainment of the said higher post-graduate qualification; OR

(ii) be registered on the Specialist Register of Dermatology as published by the Medical Council (Malta);

e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47), filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern Malti, u jagħtu d-dettalji).

7.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minn naħa tal-Management and Personnel Office u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma misthoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi ndirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

8.2. Hija r-responsabiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre* (*MQRIC*) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impieg jew l-awtorità kompetenti, skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

9.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

9.2. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tar-riżultat.

e) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Maltese Government Service giving details).

7.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

7.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

8.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

8.2. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

9.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9.2. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of the result.

10. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li hija adatta għal dan il-post.

11. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

12. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li għandha tinkludi kwalifiki u esperjenza u l-ismijiet ta' żewġ *referees* jintlaqgħu primarjament mill-Assistent Direttur, Riżorsi Umani, Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Sqaq Harper, il-Furjana, mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 8 ta' Ġunju 2007.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 8 ta' Ġunju 2007 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numri tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi huma +356-21226285 u +356 - 21235890.

14. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Il-11 ta' Mejju, 2007

10. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the post.

11. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

12. The prescribed application forms, together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience and the names of two referees, will be received in the first instance by the Assistant Director, Human Resources Department, Health Division, 6, Harper Lane, Floriana by not later than noon of Friday, 8th June 2007.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Friday, 8th June 2007 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax numbers of the receiving Division are +356 – 21226285 and +356 - 21235890.

14. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

11th May, 2007

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' *Consultant Surgeon in General Surgery* b'Interess fil-*Breast Disease* fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *medical practitioners* bi kwalifiki adattati u b'esperjenza għall-post ta' *Consultant Surgeon in General Surgery* b'interess fil-*Breast Disease* fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2. Il-post ta' *Consultant* għandu salarju ta' Lm10,811 (€25,182.86) fis-sena (Skala ta' Salarju Nru. 4).

3.1. Il-ħatra li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Consultant Surgeon in General Surgery with an Interest in Breast Disease in the Health Division within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications from suitably qualified and experienced medical practitioners for the post of Consultant Surgeon in General Surgery with an interest in Breast Disease in the Health Division.

2. The post of Consultant carries a salary of Lm10,811 (€25,182.86) per annum (Salary Scale No. 4).

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to

fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2. Il-persuna nominata tkun soġġetta għal ġimgħa ta' 40 siegħa u wara tkun tista' tissejjaħ fuq bażi ta' *roster*.

3.3. Il-ħinijiet tax-xogħol tal-persuna nominata mhux bilfors ikunu limitati għal dmirijiet ta' filgħodu, imma skond l-esiġenzi tas-servizz, sessjonijiet ta' wara nofsinhar, jistgħu jsiru skond l-arranġamenti approvati mid-Diviżjoni tas-Saħħa.

3.4. Il-persuna nominata tkun intitolata għal xi benefiċċji oħra u tkun suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim relevanti bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm il-darba:

(a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

(b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

5.1. Il-persuna fi grad ta' *Consultant Surgeon in General Surgery* b'interess fil-*Breast Disease* tifforma parti mid-Dipartiment tal-Kirurġija u taqa' taħt iċ-*Chairman* tad-Dipartiment tal-Kirurġija. Hija tkun mistennija li tieħu sehem fl-attivitajiet u fil-programm tat-tagħlim u riċerka tad-Dipartiment tal-Kirurġija.

5.2. Il-persuna nominata tkun trid tagħmel xogħol ta' *General Surgery* skond kif tkun imqabbda miċ-*Chairman* tad-Dipartiment tal-Kirurġija.

5.3. Il-persuna nominata tkun trid tikkontribwixxi għal aktar tkabbir u żvilupp tas-servizzi tal-kirurġija fl-oqsma ta' *in-patient* u *out-patient* fl-isptarijiet tal-Gvern.

